# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Gunju 1999**

**Numru 28**

**Citaz. numru 150/94 DS**

**Dr. Stephen Thake noe et noe**
**vs**
**Nazzareno Farrugia**

(1) L-Avukat Dottor Stephen Thake bhala segretarju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Laferla Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds u din kif flimkien ma' l-attur l-iehor Dottor Giannino Caruana Demajo nomine tinsab issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Christopher Briffa, sija bil-polza u sija bil-ligi, u (2) Dottor Giannino Caruana Demajo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Co. Ltd. u din kif, flimkien ma' l-attur l-iehor Dottor Stephen Thake nomine tinsab issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Christopher Briffa, sija bil-polza u sija bil-ligi
vs
Nazzareno Farrugia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Frar 1994 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi:

Is-socjetajiet attrici kienu jassikuraw il-vettura Mazda numru V-0103 ta' l-assikurat taghhom Christopher Briffa, taht polza comprehensive.

Filwaqt illi kien qieghed isuq il-vettura Escort numru A-3860 fis-27 ta' Frar 1993, gewwa Zabbar, il-konvenut, bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat fil-karrozza V-0103, misjuqa u propjeta tal-imsemmi Christopher Briffa u kkaguna danni ngenti fl-imsemmija karozza V-0103.

In vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, l-atturi ghamlu tajjeb ghall porzjoni sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmi Christopher Briffa skond l-istess polza u, in konsegwenza ta' tali pagament, l-atturi gew issurrogati fit-drittijiet ta' l-assikurat taghhom skond l-istess polza ta' assikurazzjoni.

Is-somma hekk sborzjata mis-socjetajiet attrici kienet tammonta ghal erba' telef u tnejn u ghoxrin lira (Lm4022).

Interpellat jersaq ghall-hlas tad-danni hekk minnu ikkawzati, l-konvenut baqa' inadempjenti.

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

(i) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tas-27 ta' Frar 1993, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

(ii) tillikwida id-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' erba' telef u tnejn u ghoxrin lira (Lm4022) jew somma verjuri illi tigi likwidata prevja okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. illi l-esponent ma huwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Frar 1993 billi kien l-istess Christopher Briffa l-assikurat tal-atturi li dahal fil-karregjata tal-esponenti waqt li dan kien qieghed jsuq bi speed eccessiv.

2. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni f'kull kaz id-danni reklamati huma eccessivi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Thomas Abela bhala espert tat-traffiku sabiex, wara li jambjenta ruhu mal-lokalita' tal-incident u b'hekk ikun aktar f'qaghda li aktar jistharreg il-kaz u wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz u occorrendo jillikwida d-danni;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-26 ta' Frar 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

**Il-Provi Prodotti**

L-incident in kwistjoni gara f'Labour Road, Zabbar, bejn il-vettura Mazda V-0103 misjuqa minn Christopher Briffa li kien gej minn M'Scala u l-vettura Escort A-3860 misjuqa mill-konvenut li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar. Il-verzjonijiet moghtija minnhom huma konfliggenti:

Christopher Briffa xehed li quddiemu kien hemm vettura ohra misjuqa minn certu Emanuel Farrugia u kienu telghin wara xulxin minn M'Scala filwaqt li warajh kien gej certu Michael Risiott. F'daqqa wahda ra karrozza gejja mid-direzzjoni opposta fil-lane tieghu. Din kienet misjuqa mill-konvenut. Rah jiskapula l-vettura misjuqa minn Farrugia li gibed sew fuq ix-xellug tieghu u kwazi tela' l-bankina. Qal illi kemm hu kif ukoll il-konvenut ma kinux qed isuqu b'xi speed eccessiv. Kif ra lill-konvenut gej fuq in-naha tieghu, ipprova jevitah billi jigbed ghan-nofs biex ikollu mnejn jghaddi fuq ix-xellug ghax kien qed jokkupa l-lane tieghu. Izda l-konvenut ipprova jersaq lejn ix-xellug u kif irrejalizza li l-konvenut se jidhol fih, zamm il-brake. Meta hareg mill-karrozza u mar hdejn il-konvenut xammlu riha qawwija ta' xorb. Meta aktar tard mar l-ghassa, is-Surgent Bordieri li kien investiga l-incident ircieva telefonata dwar il-kundizzjoni tal-konvenut u s-Surgent qallu li gie kkonfermat is-suspett tieghu. Il-karrozza ta' Briffa spiccat "beyond economical repair". Bil-habta l-vetturi, ghalkemm baqghu fl-istess post, il-konvenut dawru xi ftit lejn il-lemin.

Il-konvenut Nazzareno Farrugia qal li kien gej mill-Fgura sejjer lejn id-dar tieghu Haz-Zabbar. Kif qabez il-Mina ra karrozza taqla' fin-naha l-ohra tat-triq u giet lejh fuq in-naha tieghu bi speed qawwi u d-dawl taghha aktarx kien qawwi. Kif resqet lejh ipprova jiskapulaha billi kiser fuq ix-xellug tieghu izda l-vettura l-ohra baqghet diehla fih. Hsara kellu fil-mudguard u bieba tad-driver u fil-magna. Huwa kien gej minn serata ta' ghana go Kazin fil-Fgura u forsi ha xi zewg fliexken birra. Sostna li ma kienx fis-sakra ghalkemm bid-daqqa nqala' l-windscreen u habat mieghu b'imniehru u hassu ftit stordut. In kontroezami qal li pressapoco l-iskizz tal-Pulizija kien juri kif spiccaw il-vetturi wara l-incident. Ftit qabel fejn sehh l-incident hemm id-dahla ghall-"estate". Kif taqbez il-Mina, il-vizjoni tieghu kienet libera ghal bicca mit-triq sew. Qabel ma ra l-karrozza li habat maghha l-konvenut qal li kien hemm ohra qabilha li huwa ra. Lill-iehor rah qisu ser jaqla' lil ta' qablu. Meta ra l-karrozza li habat maghha, din kienet xi erbghin pied boghod minnu. Qabel l-incident kien qed isuq fin-nofs tal-lane tieghu bi speed ta' cirka 25 m.f.s. Ma setax igerri ghax il-karrozza kienet qed timmissja. Meta fl-ezami qal li kien ha xi zewg fliexken birra ried ighid li kien ha xi tnejn jew tlieta. Meta ra l-Mazda taqla' lil ta' qabilha dan kien xi erba' tulijiet tal-vettura boghod minnu. Ma kienx rah qabel. Id-dawl tal-Mazda kien qawwi ghax beda jdejjaqlu ghajnejh tant li kif qala' ma bediex jara sewwa. Skond il-konvenut, malli tal-Mazda qala' dan gie ghal fuqu u huwa zamm u sema' d-daqqa. Jista' jkun li qabel id-daqqa huwa gibed xi ftit lejn in-naha tieghu. Zamm il-brake ghax rah vicin hafna u ma setax jaghmel mossi evazivi ohra. Mad-daqqa l-vettura tieghu mxiet lura. Irrepeta li kif ghadda l-Mina huwa kien ghaddej dritt fin-naha tieghu tat-triq. Ma' l-ewwel karrozza ma kienx se jahbat u d-dawl taghha ma dejqux.

Il-konvenut kien qieghed wahdu filwaqt li Christopher Briffa kellu l-mara tieghu mieghu li wkoll xehdet dwar l-incident:

Marisa Briffa spjegat li waqt li kienu ghaddejjin wara l-vettura misjuqa minn Emanuel Farrugia, rat il-vettura ta' quddiemhom tissikka mal-bankina fuq ix-xellug u l-vettura tal-konvenut gejja lejhom u qalet lil zewgha li kien ser jidhol fuqhom. Il-vettura tal-konvenut spiccat fuq ix-xellug taghhom u zewgha pprova jiskapulaha billi kiser lejn il-lemin tieghu. Meta l-konvenut hareg mill-vettura tieghu kellu riha ta' xorb bil-mod li mexa u kellimhom kien jidher li kien xurban. Il-hsarat taghhom kienu fuq ix-xellug fuq quddiem. Il-vetturi spiccaw kif jidher fl-iskizz.

Xehdu wkoll Emanuel Farrugia u Anna Farrugia li effettivament kienu fil-vettura quddiem dik ta' Christopher Briffa:

Emanuel Farrugia xehed li kif waslu hdejn il-pompa ta' Hompesch u hu kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq lejn in-nofs, f'daqqa wahda ra karrozza min-naha l-ohra tat-triq gejja ghal fuqu. Din kienet gejja minn hdejn il-Mina ta' Hompesch. L-ewwel raha fil-lane taghha mbaghad bdiet gejja fuq in-naha tieghu; ghalhekk gibed lejn ix-xellug biex jevita dik il-karrozza ghalkemm kwazi hakket mieghu minn wara. Spicca vicin hafna tal-bankina.  Ftit wara dawn il-manuvri sema' l-hoss tal-habta.

Anna Farrugia kienet riekba quddiem hdejn zewgha u qalet li meta waslu ftit qabel il-pompa tal-petrol rat karrozza gejja minn faccata. Dan kien qed isuq fuq il-lane tieghu u f'daqqa wahda kien se jidhol fuqhom. Qalet lir-ragel "Ar'hemm!" u dan gibed lejn ix-xellug biex evita l-vettura tal-konvenut. Ftit wara senghet il-hoss tal-habta. Kieku zewgha ma gibidx lejn ix-xellug kienu jahbtu mal-karrozza l-ohra li giet in-naha taghhom tat-triq.

Michael u Alberta Risiott lehqu fuq il-post ta' l-incident ftit minuti wara l-habta u ghalhekk ma setghu jaghtu l-ebda taghrif dwar il-habta nifisha.

Il-kollizjoni giet investigata minn P.S. 831 Lawrence Bordieri li esebixxa kopja ta' l-iskizz u ta' l-okkorrenza relattiva. Dwar il-konvenut qal li ghalkemm kellu riha ta' birra ma setax ighid li kien fis-sakra peress li wiegeb u agixxa normali. Meta resaq lejh xamm il-birra izda l-konvenut xorta kompla mal-investigazzjoni. L-ispot of impact kien ezatt fejn spiccaw il-vetturi wara l-incident kif jidher fl-iskizz. Ikkonferma li kien cempel l-Isptar u kkomunika mat-Tabiba Mariella Caruana msemmija fl-okkorrenza. L-iskizz ghamlu "to scale".

Xehdu wkoll Dr. Peter Paul Vassallo, li qal li mir-records ta' l-Isptar tal-konvenut ma rrizulta xejn dwar l-incident, u Dr. Mariella Caruana, li qalet li ma setghet tiftakar xejn dwar il-kaz u li ma kienet sabet l-ebda file fuq il-konvenut u l-persuni l-ohra nvoluti fl-incident.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-perit legali</u>**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali li gie nominat bhala espert tat-traffiku jghid li fid-dawl tal-verzjonijiet kuntrarji moghtija jrid jara liema hija l-aktar kredibbli u verosimili.

Hekk beda biex josserva li minkejja li l-konvenut qal li huwa zamm il-brake appena lemah lil Briffa gej fuqu, fl-iskizz ma rrizultaw l-ebda marki tat-tyres tal-vettura tal-konvenut u dan jibfa mill-ewwel idghajjef il-kredibilita' tal-verzjoni tal-konvenut.

Ighid li l-akbar ostakolu ghall-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-atturi huwa dak li l-incident u l-ispot of impact jinsab fil-karreggata tal-konvenut. Huwa jirreferi ghal dak li qal Christopher Briffa, cioe' li dan gara peress li l-konvenut kien holoq sitwazzjoni perikoluza billi kien qed jokkupa l-karreggata tieghu qabel l-incident u Briffa kellu bil-fors, minhabba l-periklu, skond ix-xhud, mahluq mill-konvenut, jersaq lejn il-lemin tieghu sabiex jipprova jevita l-periklu li kien qed johloq il-konvenut.

Skond il-perit, fl-iskizz innifsu hemm riskontri ta' provi li juru li din kienet il-verzjoni tal-fatti korretta. Fl-iskizz, accettat bhala korrett miz-zewg verzjonijiet, jidher car li dak li xehed Briffa huwa dak rifless mill-iskizz. Hekk jidher li Briffa kien spicca ftit qabel l-incident isuq fil-karreggata tal-konvenut u li kien zamm il-brake biex jevita l-habta. Il-pozizzjoni tal-vetturi hija ndikattiva tad-direzzjoni li kienu gejjin minnha l-vetturi. Bhala huma d-danni ta' l-istess vetturi u l-ubikwita' taghhom. Jinghad mill-konvenut li l-impatt bejn il-vetturi kien wiehed frontali. Essenzjalment dan jidher li huwa hekk. Jidher pero' li din mhijiex il-verita' kollha. Li kieku kien hekk biss hemm il-probabilta' li kienu jirrizultaw feriti aktar gravi jekk mhux mortali.

Dan ma sehhx ghaliex il-vetturi ma kinux ghaddejjin b'velocita' eccessiva. Dan huwa konfortat, ghall-inqas ghall-verzjoni ta' Briffa, mill-brake marks li halla ma' l-art. Dawn ma jaghtux indikazzjoni li Briffa kien gej bi speed qawwi. Il-marki ta' tul madwar 32 pied jaghtu indikazzjoni ta' velocita' ta' inqas minn ghoxrin m.f.s. Dwar dak tal-konvenut m'hemmx prova pero' hemm ix-xiehda ta' Briffa u Farrugia li ma kienx gej b'xi velocita' eccessiva.

Dwar il-hsarat li rrizultaw fil-vettura tal-kovenut, jigifieri fil-mudguard u fil-bieba tad-driver, il-perit huwa tal-fehma li dawn jindikaw li qabel l-incident il-konvenut ma setax kien gej dritt fil-karreggata tieghu. Anzi jindikaw li huwa kien diehel lura fil-karreggata tieghu mil-lemin tieghu. Dan jissostanzja x-xiehda ta' Briffa u Farrugia li xehdu li l-konvenut qabel, kien jinsab fil-karreggata taghhom, kien se jidhol fil-vettura ta' Farrugia li gibed lejn ix-xellug, u billi Briffa kien qed jara kollox, fl-emergenza tal-mument immanuvra biex jipprova jevita l-periklu li kien halaq il-konvenut.

Kieku l-incident sehh kif qal il-konvenut, il-vetturi kienu jsofru danni principalment fuq quddiem u ma kinux jispiccaw bil-parti posterjuri taghhom f'nofs it-triq. Dan il-fattur huwa ndikattiv li l-konvenut kien gej

mix-xellug ta' Briffa u bid-daqqa li tah, peress li ma kienx hemm tentattiv biex jinzamm il-brake, ghax ma rrizultaw l-ebda marki, dawwar il-vettura ta' Briffa.

Jidher ghalhekk li l-kawza ta' l-incident kien is-sewqan dizordinat tal-kovenut Farrugia li holoq emergenza subitanea li wasslet lis-sewwieqa l-ohra jiehdu l-mizuri li dehrilhom mehtiega biex jevitaw l-incident.

Fl-ahharnett il-perit kkonsidra l-kawza tal-komportament dizordinat tal-konvenut fis-sewqan tieghu. Briffa u Farrugia m'ghandhomx dubju li dan kien fi stat ta' sokor tali li ma kellux kontroll tal-vettura tieghu. Anke jekk wiehed jelimina x-xiehda tal-partijiet l-aktar interessati, tibqa' x-xiehda tas-Surgent Bordieri li ttiehdet a tempo vergine meta fl-okkorrenza tieghu nizzel li kien cempel l-Isptar biex jinghata rapport minghand it-Tabiba Mariella Caruana u rrizulta mill-okkorrenza li din kienet infurmatu li l-konvenut kien that l-influwenza tax-xorb. Dan ma setghetx tikkonfermah l-istess Tabiba. Izda l-perit kkonkluda li meta wiehed jiftakar li l-konvenut nnifsu jikkonferma li kien gej minn serata ta' ghana fejn kien xorob xi birra, ma jistax hlief ikun konvint li l-konvenut kien fi stat ta' inebrijatezza kkawzata minn xorb, u li kienet din li waslitu biex isuq b'mod dizordinat ghall-ahhar u kkawza l-incident mertu tal-kaz.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

Il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni peritali u l-verbali kollha tax-xhieda kif ukoll id-dokumenti esibiti u hija tal-fehma li ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-konkluzjoni peritali dwar ir-responsabilta' unika tal-konvenut ghall-incident in ezami.

Christopher Briffa jidher li ghamel certa enfazi fuq il-fatt li lill-konvenut kien xamlu riha ta' xorb, haga konfermata anke minn P.S. Bordieri li, izda, qal li l-konvenut kompla mieghu fl-investigazzjoni. Nonostante cio' ghandha ssir referenza ghall-okkorrenza li esebixxa l-istess P.S. Bordieri u li tikkontjeni r-rizultanzi mill-investigazzjoni li huwa ghamel dwar l-incident in kwistjoni. Hemm insibu riportat hekk:

*"Nazzareno Farrugia gie mehud l-isptar bl-ambulanza fejn wara li gie ezaminat mit-tabiba Mariella Caruana verbalment qalet li Farrugia kien qieghed ibati minn griehi (1) contusion on nose, (2) left wrist strain, (3)* ***under the influence of alcohol****, griehi ta' natura hafifa."*

Ghalkemm it-Tabiba Mariella Caruana ma ftakret xejn dwar dan il-kaz u lanqas ma sabet xi records dwaru, P.S. Bordieri stess jikkonferma li kien kellimha meta cemplilha mill-ghassa.

L-importanza ta' dak li hu riportat fl-okkorrenza ma jistax jigi sottovalutat peress li jikkomprendi r-rizultat ta' investigazzjoni maghmula mill-Pulizija "a tempo vergine" u ghalhekk ghandu valur probatorju sostanzjali, u, f'dan il-kaz, dwar il-kondizzjoni li kien fiha l-konvenut meta grat il-habta (Ara "Brian Valenzia noe vs Maria Antoinette Falzon", Prim'Awla, 27 ta' Novembru 1998). Huwa sinifikanti hafna f'dar-rigward dak li qal il-konvenut stess dwar kemm kien xorob. Ghalkemm jinnega li kien fis-sakra, huwa l-ewwel ighid li forsi ha xi zewg fliexken birra (seduta peritali ta' l-20 ta' Ottubru 1995) u in kontroezami spjega li meta jghid li ha zewg fliexken birra jfisser li ha tnejn jew tlieta! Sfortunatament meta gara l-incident ma kienx ghadu gie introdott il-"breathalyser test" u lanqas ma giet prodotta xi evidenza dwar xi testijiet li setghu sarulu l-Isptar biex jigi stabbilit il-livell ta' alcohol li kellu fid-demm. Dak li hemm riportat fl-okkorrenza, cioe' li t-Tabiba Caruana qalet lil P.S. Bordieri li l-konvenut kien "under the influence of alcohol", huwa rilevanti hafna pero' fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ghamel il-perit rigward dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-atturi u d-dokumenti li gew esebiti.

Fil-fatt ma tistax tigi skartata x-xiehda ta' Emanuel Farrugia u Anna Farrugia li kienu fil-karrozza quddiem dik ta' Briffa u li t-tnejn xehdu li raw il-karrozza tal-konvenut gejja minn fuq il-lane tieghu ghal fuq taghhom u li kellhom jigbdu lejn ix-xellug biex jevitaw li ssir il-habta. Bhalma ma tistax tigi skartata x-xiehda ta' Marisa Briffa meta qalet li rat il-karrozza ta' Farrugia tissikka mal-bankina u l-karrozza tal-konvenut gejja lejhom fuq ix-xellug taghhom. Hawn wiehed jiftakar f'dak li qal Emanuel Farrugia li l-karrozza tal-konvenut kwazi hakket mieghu minn wara li allura jaghti indikazzjoni ta' kemm in effetti l-konvenut kien invada l-karreggata opposta ghal tieghu, u dan fi triq li hija wiesa' 10.7 metri. L-unika possibilita' li kellu Briffa kienet ghalhekk li johrog ghan-naha opposta tat-triq biex jipprova jevita l-habta.

Il-habta sehhet fuq il-karreggata tal-konvenut. P.S. Bordieri xehed li l-ispot of impact kien ezatt fejn spiccaw il-vetturi. Il-brake marks li halliet il-karrozza ta' Briffa certament ma jindikawx speed elevat, jindikaw ir-reazzjoni tieghu "in the agony of the collision" u li bis-sahha t'hekk fil-fehma tal-Qorti mminimizza d-dannu konsegwenzjali, almenu ghal dak li hu dannu lill-persuna. Mill-banda l-ohra n-nuqqas ta' brake marks wara l-vettura tal-konvenut jindikaw li huwa baqa' miexi u l-hsarat fil-vetturi

kienu konsiderevoli precizament ghax baqa' "in motion". Inoltre l-pozizzjoni tal-hsara fil-vettura tal-konvenut tindika kjarament li fil-mument tal-habta huwa kien angolat, miexi mill-karreggata fejn originalment kien miexi Briffa ghall-karreggata fejn suppost kien baqa' jsuq il-konvenut.
Il-Qorti ghaldaqstant m'ghandha l-ebda dubju li, kif tajjeb qal il-perit, l-incident gara unikament tort tas-sewqan dizordinat tal-konvenut u li ghandu ghalhekk iwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

**<u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>**

Is-somma mitluba mill-atturi nomine hija ta' Lm4022. Giet esebita skeda (Dok. A) a fol. 8 tal-process. Din il-figura giet ikkonfermata minn Dr. Stephen Thake (ara affidavit a fol. 20 u xiehda tieghu fis-seduta peritali tat-23 ta' Settembru 1994). Inoltre qed issir referenza ghall-afidavit ta' Carmelo sive Charles Saliba a fol. 21 li huwa motor surveyor impjegat mas-socjeta' attrici Laferla Insurance Services Ltd li kkonferma s-survey report tieghu (a fol. 11), kif ukoll li l-karrozza ta' Briffa kienet "beyond economical repair", li l-"pre-accident value" kien ta' Lm5038, u li r-"wreck value" kien bejn Lm800 u Lm1200. Fil-fatt mid-Dok. E (a fol. 13) jirrizulta li r-"wreck" inbiegh ghal Lm1000.

Nonostante li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa li d-danni reklamati huma eccessivi, fl-istadju tal-gbir ta' provi ma ressaq l-ebda prova in kontestazzjoni tad-danni reklamati.

Fid-dawl ta' dan kif ukoll tax-xiehda u dokumentazzjoni prodotta u billi l-Qorti tqis it-talba gustifikata, qed tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta' Lm4022.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tas-27 ta' Frar 1993 fuq imsemmija u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm4022,
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni din is-somma ta' Lm4022.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut kif mitlub.

Grazio Galea
D/Registratur